MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 801/2012

**Bank of Valletta p.l.c C 2833**

**vs**

**Charles u Charmaine mizzewgin Agius**
**(KI 21469M u 185073 M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ il-Bank attur qed jitlob li l-konjugi konvenuti jigu kundannati jhallsuh is-somma ta' elfejn, hames mija, sebgha u hamsi Ewro u hamsin centezmi (€2,557.50c) bilanc dovut ghad-debitu fil-"Credit Card Loan Account" taghhom mal-Bank (Dok A1-4) flimkien ma mghax ulterjuri mit-18 ta' Ottubru 2012 sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 2012 (Dok B) u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-AVVIZ. Mal-AVVIZ gie prezentat Affidavit (Dok C)

**Ra** li, wara li ma rnexxilux mod'iehor, il-Bank innotifika lill-konvenuti bil-purtier (ara riferti *a fol*21 *u tergo*)

**Ra** li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2013 xehdu z-zewg konvenuti konjugi Agius u ammettew li kellhom jatu lill-Bank il-*quantum* minnu mitlub.

II DECIZJONI

In vista tal-ammissjoni tal-konvenuti it-TRIBUNAL jghaddi biex (1) jikkundanna lill-konvenuti in solidum biex ihallsu lill-Bank attur il-*quantum* mitlub ta' elfejn, hames mija, sebgha u hamsi Ewro u hamsin centezmi (€2,557.50c) (2) jikkundannhom in solidum biex fuq dan l-ammont ihallsu l-imghax kif mitlub jigifieri mit-18 ta' Ottrubru 2012 sal-jum tal-pagament effettiv, (3) jikkundannhom in solidum ihallsu l-ispejjes kollha tal-kawza u dawk l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------